**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**3 ta' Marzu 2024**

# Id-Djaknu Franklin

Bħalissa fil-parroċċa għandna magħna lid-Djaknu Franklin Micallef. Il-qofol tal-ħidma tad-djaknu huwa li jaqdi b'kull mod, fil-liturġija u fil-ħajja ta' kuljum fil-komunità. Fil-Knisja primittiva d-djakni kienu jieħdu ħsieb il-foqra u ħidmiet oħrajn li jippromovu l-bniedem. Fi żmienna, id-djaknu, li jagħmel parti mill-kleru, jista' jgħammed, jassisti fis-sagrament taż-żwieġ, jagħti l-barka u jipprietka.



Id-Djaknu Franklin, li huwa mill-parroċċa ta' Kerċem, beda jservi fil-komunità tagħna sa mill-ewwel ġimgħa ta' Ottubru li għadda, billi kien jiġi tlett ijiem fil-ġimgħa. Issa, sa mill-Erbgħa tal-Irmied, huwa qiegħed joqgħod fid-dar parrokkjali u qiegħed iservi hawn matul il-ġimgħa kollha.

Fil-Ġimgħa Mqaddsa d-djaknu se jkun magħna wkoll. Imbagħad għal wara l-Għid offra wkoll li jgħin fit-tberik.

Lil Franklin nakkumpanjawh bit-talb tagħna matul dawn ix-xhur li fadallu sakemm jiġi ordnat qassis fil-Katidral fl-24 ta' Mejju li ġej.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

## Offerti ġenerużi:

**Għall-knisja:** N.N €100; N.N (San Blas) €100; N.N €20; Familja N.N €60; Diversi €78; John Bonello €40; Anton & Rita Tabone €20; Għaqda Ħbieb tal-Presepju €50; Rita Portelli €100; Alexander Villaret €150; Joseph Portelli €123.82;

**Radju Luminaria:** Carmen u Martin Sultana €100; GO €20.98 (online donations);

**Karità:** N.N (koppja żagħżugħa) €1,000; Diversi (għat-tfajla fil-bżonn) €1,563.45;

**S Pietru u S Pawl:** Carmen Azzopardi €50;

**Użu tal-vann:** Diversi €20 (Kerċem); Sorijiet Franġiskani €50 (3 ħarġiet);

**Użu tas-Sala Parrokkjali:** Nadur Youngsters Youth Academy €70; Leann Sammut €70; Victor Estate Property €50; Emily Saliba €25; Mario Mercieca €70; Angel Xerri Agius €70; Isabelle Cardona €70;

**Bejgħ ta' ramm eċċ.:** Colin's Metal €753.95

Il-ġabra għad-**Dar tal-Providenza** li saret fl-1 ta' Jannar kienet ta' €4,169.00 maqsumin hekk:

| | |
|---|---|
| Knisja Parrokkjali | €3,705.25 |
| Knisja Qalb ta' Ġesù | € 285.10 |
| Kappella Sorijiet Franġiskani | € 63.00 |
| Kappella St Tereża | € 115.65 |

## Avviżi:

**ĠABRA TAL-OBOLU TA' SAN PIETRU:** il-ferta ta' dan is-Sibt filgħaxija u tal-Ħadd 3 ta' Marzu se tmur għall-karitajiet li jqassam il-Papa. Huwa għalhekk li tissejjaħ l-Obolu ta' San Pietru. Ngħinu mill-aħjar li nistgħu.

**IRTIR QASIR GĦALL-GRUPPI TA' TALB TA' PATRI PIJU:** llum il-Ħadd bil-quddiesa fid-9:00am u wara konferenza dwar San Piju tal-Pjagi fil-knisja tal-Kapuċċini l-Belt Victoria.

**IL-GRUPP TAL-ISTILEL TAL-QALB TA' ĠESÙ:** ifakkar li nhar it-Tnejn 4 ta' Marzu se jkun hemm laqgħa oħra fil-knisja tas-Sorijiet Franġiskani fin-Nadur. Il-programm ser ikun hekk: fl-4:00pm jibda Rużarju quddiem Ġesù Espost u wara jkun hemm Quddiesa. Kulħadd huwa mistieden.

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** tavża li nhar il-Ħamis 7 ta' Marzu se żżur il-fabbrika ta' Magro fix-Xewkija. Tluq fid-9:30am minn ħdejn iċ-Ċentru. Min hu interessat iċempel lil Tonina fuq 79923153/21553031.

**AVVIŻ LIL DAWK IL-PERSUNI LI JĠORRU L-KTAJJEN WAQT IL-PURĊISSJONI**

Dawk il-persuni li jixtiequ jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira billi jġorru l-ktajjen, huma mitluba li jagħtu isimhom u dettalji oħra kif elenkat hawn taħt. Nixtiequ navżaw lil dawn il-persuni interessati sabiex isegwu sewwa dawn id-direttivi:

- Il-persuna li tieħu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira billi ġġorr il-ktajjen trid tkun għalqet it-tmintax-il sena. Dawk il-persuni li se jinkitbu ser ikunu mitluba l-karta tal-identità sabiex tkun assigurata l-kundizzjoni li l-persuna li ser tieħu sehem verament tkun għalqet it-tmintax-il sena.
- Sabiex tinżamm l-anonimità tal-persuni hawn fuq imsemmija, dawk interessati għandhom jinkitbu biss għand Mario Bugeja (21558408) wara s-6:30pm jew għand Fr Joe Cardona (99847101).
- Dawn il-parteċipanti rispettivi li ser jieħdu sehem, huma mfakkra li huma personalment responsabbli għal kull ħsara fiżika, uġigħ u/jew feriti li jistgħu jġarrbu waqt li jkunu jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira billi jġorru l-ktajjen.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am